**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 05/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 16/07/'15** **328**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 16/07/'15** **383**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30p.m.

1.03 Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Karl Gouder |
| Il-Viċi-Sindku | Guido Dalli |
| Il-Kunsillier | Martin John Sultana |
| Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| Il-Kunsillier | John Agius |
| Il-Kunsillier | Adrian Dominic Ellul |
| Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| Is-Segretarju | Eżekuttiv Paul Spiteri |
| L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Skużati:- (1) – Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy (Ara Inc. 4161/15)

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-11 ta' Lulju 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Skart Separat
5. Tender: *Contracts Manager*
6. Tender: *The Collection of Mixed Household Waste*
7. Kumpless Dun Anton Sciberras
8. Proġett Balluta
9. Permessi
10. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
11. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
12. Aġġornament tal-laqgħa

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 04/K8/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Iċ-Ċerman ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 09/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3275 | Talba mingħand Pippa Toledo Design Ltd sabiex jitwaħħlu tabelli f'San Ġiljan. |
| 3416 | Korrispondenza dwar il-konferenza tal-ECAD f'Ottubru 2015. |
| 3906 | Talba mingħand is-Sur Alan Camilleri sabiex jsiru *bike racks* f'San Giljan. |
| 3934 & 4083 | Żewġ talbiet sabiex jarmaw kiosks tal-ġelati fil-festa tal-Balluta. |
| 4057 | Talba mingħand is-Sur Jason Magri sabiex jitpoġġew *banners / flags* hdejn il-Monument tal-LOVE. |
| 4101 | Talba minghand il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg ghat-twahhil ta' tabelli godda ghal dawk li jkunu qeghdin juzaw ir-rota. |
| 4144 & 4160 | Żewġ talbiet sabiex jarmaw kiosks fil-festa tal-Balluta. |
| 4161 | Korrispondenza minghand il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci rigward nuqqas ta' attendenza ghal-laqgha ta' Lulju 2015. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru 3275**

2.02 Saret riferenza ghat-talba minghand Pippa Toledo Seign Ltd sabiex jitwaħħlu tabelli f' San Ġiljan, wara diskussjoni

qasira ġie deċiż unanimament li jinħareġ il-permess għal dawn it-tabelli.

**Rif. Nru. 3416**

2.03 Il-Kunsill ġie nfurmat bill-konferenza li ser issir ta' l-ECAD f' Ottubru, iżda ħadd ma jixtieq jattendi.

**Rif. Nru. 3906**

2.04 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Alan Camilleri saiex jsiru bike racks f' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jkollu l-permessi kollha neċessarji mill-Awtoritajiet ikkonċernati u li l-Kunsill jixtieq li ssir laqgħa miegħu fir-rigward din il-materja.

**Rif. Nru. 3934 & 4083**

2.05 B' riferenza għaż-żewg talbiet sabiex jarmaw kiosks tal-ġelati fil-festa tal-Balluta, ġie deċiż unanimament li jekk l-Kunsill ikollu l-postijiet vojta ser jinforma lill-applikanti sabiex ikunu jistgħu jarmaw.

**Rif. Nru. 4057**

2.06 Saret riferenza ghat-talba mingħand is-Sur Jason Magri sabiex jitpoġġew banners / flags hdejn il-Monument tal-LOVE. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mat-talba tiegħu.

**Rif. Nru 4101**

2.07 Saret referenza ghat-talba minghand il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg għat-twaħħil ta' tabelli ġodda għal dawk li jkunu qegħdin jużaw ir-rota. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn jitwaħħlu.

**Rif. Nru 4144 & 4160**

2.08 Saret riferenza għaż-żewġ talbiet sabiex jarmaw kiosks fil-Festa tal-Balluta, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jekk l-Kunsill ikollu l-postijiet vojta ser jinforma lill-applikanti sabiex ikunu jistgħu jarmaw..

**Rif. Nru 4161**

2.09 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa ta' Lulju 2015, ġie deċiż unanimament li jigi skużat.

## 3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen

3.01 Iċ-Ċerman nforma li l-Kunsill li:

a. Ilum ser isir l-launching tal-Facebook sabiex il-Kunsill ikun jista' jkun aktar viċin ir-residenti.

b. fir-rigward il-board li twaħħlet quddiem in-Neptunes, li jekk ma jkollux il-permessi kollha neċċessarji, jiġu nfurmati l-Pulizija kif ukoll tinħareġ *press release.*

c. Saru diskussjonijiet mal-GRTU rigward time window ħalli wara li jingabar l-iskart ġewwa Paceville, min-naħa tal-Cleansing Service Department jkunu jistgħu jinħaslu t-toroq. Ser tinħareġ ukoll *press release* li għal xahrejn l-iskart ta' l-istabbilimenti jinħareġ bejn l-4.00a.m. u s-6.00a.m.

d. L-Kunsill ta' Pembroke ser ikun qiegħed jibagħat email lill-Kunsill fir-rigward l-Boundaries li hemm bejn San Ġiljan u Pembroke u li din ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 4. Skart Separat

4.01 B’riferenza għall-proposti fir-rigward l-iskart seperat mingħand il-Green MT u mill-Green Pak, ġie deċiż li s-Sindku Karl Gouder, il-Viċi Sindku Guido Dalli u l-Kunsillier Martin Sultana jiltaqgħu mat-tnejn li huma sabiex isiru aktar diskussjonijiet fir-rigward din il-materja.

**5. Tender: Conctracts Manager**

5.01 Il-Kunsill gie pprezentat bix-schedule ta’ l-offerti.

5.02 Il-Kunsill qabel unanimament li tintagħażel l-offerta tal-Perit Anthony Bezzina minħabba li din l-offerta hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

**6 Tender: *The Collection of Mixed Household Waste***

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li f’ Ottubru li ġej ser jiskadi t-tender ta’ ‘The Collection of Mixed Household Waste’.

7. **Kumpless Dun Anton Scibberas & 8. Proġett Balluta**

7.01 Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ items fejn intalab li għandu jiġi ċċekjat jekk il-Kunsill preċedenti kienx diġa għamel *terms of reference* fir-rigward Ġnien Dun Anton Scibberas filwaqt li għandhom isiru *terms of reference* mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll miċ-Ċerman sabiex jiġu diskussi mill-Kunsill.

7.02 Fir-rigward il-Progett tal-Balluta, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-*Malta Tourism Authority* sabiex ikomplu jsiru d-diskussjonijiet fir-rigward din il-materja.

**9. Permessi**

9.01 Saret diskussjoni fir-rigward il-permessi li ser jinħarġu għall-festa tal-lokal, ġie deċiż unanimament li jinżamm l-ammont ta’ €50.00 għal kull stand jew kiosk li jarma fil-festa bħala administration fee, filwaqt li l-applikanti tal-qubbajd ma jħallsux dan l-ammont minħabba li huma traddizjonali.

## 10. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘ ’).

10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

10.03 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3751/15 sa’ Nru. 3763/15 (Ara Appendiċi ‘ ’).

11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

11.03 Ġie deċiż li għandha tintbagħat kopja tal-Purchase Request Sheets lill-Kunsilliera, li hemm pendenti sa’ min meta tela’ dan il-Kunsill. Dan sabiex il-Kunsilliera ikunu jistgħu jinfurmaw l-amministrazzjoni bil-Purchase Request Sheets li għad fadal pendenti.

## 12. Aġġornament tal-laqgħa

12.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 5 t’ Awwissu 2015 fil-5.00p.m.

11.02 Il-laqgha ntemmet fit-8.30p.m.

**Karl Gouder**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**